# LAQGHA TAL-LOKALITA’ 2011

**Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2011 li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2011**
**Fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur**
**Il-Laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

---

Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-sindku, Miriam Portelli li mexxiet il-laqgħa, il-viċi sindku, Charles Said, il-kunsilliera Maria Natoli, Jonathan Buttigieg, Dr. Rita Mifsud u s-Segretarju Eżekuttiv Rita Mifsud Attard u tliet residenti minn Nadur .

Is-Sindku bdiet il-laqgħa bit-talba u tat rendikont tax-xogħol li sar matul is-sena 2010. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera, membri tas-sotto kumitati u voluntiera kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill għax-xoghol siewi li ssir minnhom għal ġid tal-lokalita’.

**Xogħolijiet.**

Sar xogħol ta’ resurfacing fi Triq Dun Bernard Haber, beda x-xogħol fit-Triq Diċembru 13 li kien jikkonsisti minn bdil ta’ mains u servizzi ta’ l-ilma kif ukoll tad-drenaġġ, tqaxxir u kisi ta’ tarmac. Din tlestiet f’ Frar tas-sena 2011. Dawn iż-żewġ toroq tħallsu mill-fondi tal-Kunsill. Beda x-xogħol ta’ toroq li jinkludi bdil ta’ mains ta’ l-ilma u servizzi fi tmien toroq fin-Nadur li huma: parti minn Triq Grunju, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq Xjuf ir-Rih, Triq San Gakbu, Triq Sant’ Indrija, Triq Buskett, Triq Ta’ Mattiju u Triq Dun Grezz Buttigieg. Il-Kunsill ser jingħata għajnuna finanzjarja ta’ €80,710 għal dawn it-toroq mingħand is-Segretarjat tal-Gvern Lokali, iżda l-ispiża ser tkun ta’ l’fuq minn €400,000. Il-Kunsill żied ukoll żewġ toroq oħra li ma kienux inklużi f’din l-iskema dawn huma Triq Karlu Borg u t-triq bla isem bejn Triq Sant’ Indrija u Triq Buskett. Ix-xogħol beda fis-sena 2010 u qed ikompli. Il-kunsill applika għall-fondi mill-MEPA taħt l-Urban Improvement Fund (UIF) sabiex jagħmel bil-porfido l-isqaq li hemm fic-ċentru tar-raħal bejn Triq Dun Bernard Haber u Triq Cicciano. Il-Kunsill irranġa parti kbira mit-triq tal-bajja ta’ San Blas.

Il-Kunsill ħa ħsieb innaddaf gandotti ta’ l-ilma tax-xita li jinsabu fil-Wied ta’ Grejgel u anke fil-wied tar-Ramla. Saru ukoll numru ta’ passaġġi u rampi fl-għelieqi biex jiffaċilitaw il-ħidma tal-bdiewa.

Twaħħlu l-pannelli foto voltajiċi fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali u bdiet is-sistema ta’ Wifi fil-bini tal-Kunsill u fil-pjazza. Dawn saru bl-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**Proġetti.** Għad qegħdin nistennew il-permess tal-MEPA għall-proġett tal-pjazza.

**Restawr tas-Salib tal-Pjazza.** Il-Kunsill ngħata fondi għar-restawr tas-salib tal-Pjazza. Dan ix-xogħol ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin peress li l-Kunsill kien qed jistenna l-permess mingħand il-MEPA.

**Eko Ghawdex.** Il-Kunsill applika taħt l-iskema ta' Eco Gozo sabiex jiġi irranġat parti minn Wied Bingemma.

**Attivitajiet Kulturali.**

Il-Kunsill kompla l-ħidma tiegħu fl-organizzazjoni ta' diversi attivitajiet matul is-sena li jinkludu Karnival Organizzat, Mayfair, attivitajiet ta' l-Imnarja, Wine Festival, Jum il-Kunsill u Christmas Market. Barra dawn il-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet oħra.

**Attivitajiet Edukazzjonali u Soċjali.**

Il-Kunsill organizza diversi korsijiet matul ix-xhur tas-sajf u anke matul is-sena. Fil-fatt għadhom għaddejin korsijiet tat-Taljan u kors ta' l-adulti fil-Computers.

Il-Kunsill fis-sajf 2010 ħa inizjattiva bl-organizazzjoni tal- "Youth Adventure". Dan kien jinvolvi madwar 30 żgħażugħ/a akkompanjati minn youth worker. Din l-inizjattiva kienet suċċess u l-Kunsill b'ħsiebu jerġa jorganizza din l-attivita matul is-sajf 2011. Bħalissa qiegħed għand il-MEPA għall-proċess. Flimkien ma' dan il-proġett il-Kunsill ser idaħħal ir-restawr tas-Salib u x-xelter.

Reġa' twaqqaf il-Kunsill taż-żgħażagħ. Fih hemm madwar 25 parteċipant. Dawn iż-żgħażagħ jorganizzaw il-Mayfair u jieħdu sehem u jassistu l-Kunsill f'diversi attivitajiet.

Il-Kunsill kompla bid-Day Centre għall-anzjani li jiltaqa darba fil-ġimgħa. Barra dan il-Kunsill organizza diversi ħarġiet għall-anzjani matul is-sena.

**Attivitajiet Internazzjonali.**

Il-Kunsill tan-Nadur huwa membru fiċ-Charter of Rural Cities. Membri tal-Kunsill flimkien ma' membri tas-Sotto Kumitat attendew diversi laqgħat matul is-sena f'pajjjizi oħra. Din is-sena n-Nadur ser jorganizza laqgħa taċ-Charter bil-parteċipazzjoni ta' diversi pajjizi oħra. Il-Kunsill ukoll huwa parti minn network ta' L-EDEN u f'April ser tiġi delegazzjoni minn pajjiżi oħra rebbieħa ta' dan il-premju.

**Suġġerimenti u Ilmenti**.

Tressaq ilment dwar flixkien tal-plastic li mhux jinġabru mill-beach cleaners fill-bajja ta' San Blas. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb dan l-ilment. Ilment ieħor fl-istess inħawi huwa n-numru ta' vetturi li qed jinżlu fil-bajja. Dan huwa periklu peress li din in-niżla hija wieqfa ħafna. }afna drabi ikollhom jittelgħu mis-suldati għaliex ma jkunux jistgħu jittelgħu. Il-Kunsill għamel tabelli diversi drabi biex ma jinżlux vetturi iżda dawn jinqalgħu kull darba li jitwaħħlu. Il-Kunsill ser jerġa jagħmel tabelli. Il-

Kunsill ġie mitlub ukoll sabiex jitlob lill-Maritime Authority biex jagħmel il-blalen u ħbula tas-Swim Zone f'Mejja u mhux f'Lulju.

**Laqgħa tac-Charter.** Ser issir laqgħa tac-Charter bejn it-23 u 52 ta' Settembru fin-Nadur. Għal din il-laqgħa il-Kunsill ser ikollu bżonn ta' għajnuna mir-residenti u voluntiera.

***Karnival.*** Inġibed l-attenzjoni li għalkemm il-ħwienet tan-Nadur ma kienux qegħdin ibiegħu flixkien tal-ħġieġ matul il-jiem tal-Karnival spontanju xorta kien hemm flixken tal-ħġieġ. Dawn kienu fuq il-karrijiet. Gie ssuġġeriet li l-Kunsill joħroq avviż li tinforma lin-nies li dan mhux permess.

**Siġar.** Kien hemm ilmenti dwar is-siġar tal-pjazza. Dan għaliex l-għeruq ta' dawn is-siġar qegħdin jagħmlu ħafna ħsara fid-djar tal-pjazza kif ukoll tal-pjazzetta. Il-Kunsill għandu jikteb lill-MEPA dwar dan.

**Ostakli fuq il-bankina.** Kien hemm ilment dwar il-qsari li hemm fuq il-bankini għaliex qegħdin jimblokkaw il-bankini u wieħed irrid jimxi fit-triq. Il-Kunsill ħareġ avviż dwar dan.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 p.m.

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**